

Il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2016

P8\_TA(2016)0284

**Ftehim bejn l-UE u Monaco dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar il-kontijiet finanzjarji \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco li jipprevedi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE (COM(2016)0201 – C8-0157/2016 – 2016/0109(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

(2018/C 091/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2016)0201),
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco li jipprevedi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115 kif ukoll l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (b) u l-paragrafu (8), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0157/2016),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 59, 108(7) u 50(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0206/2016),
1. Japprova l-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Prinċipat ta' Monaco.